MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 296/2012

Kawza fil-lista: 21

**A B u b'digriet tal-4 ta' Frar 2014**

**l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joelene Pace Ciscaldi gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**D B; u**

**b'digriet tal-14 ta' Lulju 2014 gie kjamat in kawza E F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi fis-16 ta' Settembru 2012 twieldet C B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi omm il-minuri, l-attrici hija mart il-konvenut D B, pero hija ilha de facto sseparata minnu, ghal oltre seba' snin.

3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut D B huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-missier naturali tal-minuri imsemmija m'huwiex il-konvenut D B.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut D B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C B.

ii. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut D B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C B.

iii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C B billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija dawn jithassru u jitnizzel illi hija missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

Rat id-digriet tal-4 ta’ Frar 2014 li permezz teighu gew nominati kuraturi deputati ghall-minuri.

Rat id-digriet tal-14 ta’ Lulju 2014 li permezz tieghu gie kjamat in kawza E Grima.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha gie eccepiet:-

1. “Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri C B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhorn ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost. ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha D B u dan tul il-perijodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**4.** Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent turi li l-pussess ta' stat tal-rninuri C B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-nurnru ta' iskrizzjoni 4421 tas-sena 2012;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri C B, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiz-zwieg tal-inqas ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ' the said' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 4421 tas-sena 2012;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghaldaqstant huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-minuri fejn iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat illi b'digriet tal-14 ta' Lulju 2014 l-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-senteza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Ghalkemm din il-kawza giet inizjalment istitwita bhala kawza ta 'denegata paternita', fil-mori tal-kawza gie kjamant in kawza l-prezunt missier naturali u ghalhekk il-kawza trasformat ruhha wkoll f'kawza ta' filjazzjoni. Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2014 il-kjamat in kawza E F iddikjara illi huwa jaccetta li hu missier il-minuri C.

L-attrici resqet bhala xhud lil Dr Marisa Cassar li permezz ta' affidavit minnha mahluf fit-13 ta' Novembru 2014 iddikjarat illi fit-30 ta' Ottubru 2014 hi personalment elevat kampjuni minn fuq A B, minn fuq il-minuri C B u minn fuq il-kjamat in kawza E F. Mit-testijiet tad-DNA li hija kkonduciet jirrizulta illi E F hu l-missier natural,I tal-minuri C B.

Ikkunsidrat,

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

Fl-eccezzjonijiet tieghu d-Direttur konvenut jinvoka l-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

Mill-provi akwiziti jirrizulta li l-minuri jipposjedi stat differenti minn dak li jinghad fic-certifikat tat-twelid tieghu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijeit tal-konvenut Direttur bil-mod kif fuq spjegat, tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara illi l-konvenut D B ma hux il-missier naturali tal-minuri C.

2. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri C huwa l-kjamat in kawza E F.

3. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C jigi kancellat l-isem ta' D B, il-konnotati kollha tieghu u l-kliema 'the said', u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom ta' E F u l-konnotati kollha tieghu.

4. Tordna li fic-certifikat tal-minuri jitnizzel li tkun maghrufa bil-kunjom F.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-kjamat in kawza E F.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------